9 Leġiżlatura

Minuti Numru 21

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 21, miżmuma nhar il-Ħamis 03 ta' Settembru 2020 fis-5.30pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' fil-għaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Skużati

Kunsilliera Anne Marie Fenech

## 21.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

Il-Kunsill irċeva ittra ta' apoloġija mingħand Kunsilliera Anne Marie Fenech

**21.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numri (20)**
Pagna 5: Item 20.4 Korrezjoni

**Collaboration on Green Spaces**

Tizdied wara koloborazzjoni ' u li għandha ssir laqgħa bejn Friends of the Earth Malta u l-Bord ta' Infrastrutura'

Minuti 20 - Approvati kif emendati.

Ġiet approvata mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima sekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja li titlob is-sospenzjoni ta' l-Agenda biex il-Kunsill jagħti precidenza item 21.6 sa 21.11.5 minħabba l-urgenza.

**21.3 Punti mill-minuti**
**Friends of the Earth Malta 'Collaboration on Green Spaces'**

Il-Kunsill ġie nfurmat li r-risposta tal-Kunsill intbagħtet fl-1/9/2020.

**TM Sustainable Mobility Measures Competition**

Ġie deciz li l-kunsill jikkompeti bit-tema Walk the Green mile għall-kompetizzjoni mnedija ta' TM, Sustainable Mobility Measures Competition. Il-Kunsillier Anthony Delia għandu igib aktar dettalji.

**Ilment minghand resident rigward Nine Lives**.

Il-kunsill gie nfurmat li l-ilment imressaq mir-resident ghadda ghand l-awtoritajiet kompetenti fl-2/9/2020.

**Lukanda Palazzin** –

It-TM infurmaw li mhux kompitu taghhom li jiffurmaw it-toroq.

**Tender Contracts Manager SPB T/06/2019**

Il-Kunsill gie nfurmat li l-proċess ta' evalwazzjoni ġie konluz fuq l-Epps.

**Tender Refurbishing of Public Conveniences SPB T/01/2020**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proċess ta'evalwazzjoni ġie konkluz u kuntratt awarded.

**Bye-Law ta' xorb**.

Minħabba xogħolijiet oħra, il-Bye-Law se tinbgħat li DLG fil-jiem li gejjien.

**PA /04718/20 – Applikazzjoni ta' estenzjoni Pompa tal-fuel Burmarrad.**

Il-Perit tal-Kunsill ġie notifikat biex iressaq l-oggezzjonijiet meħtiega f'isem il-kunsill nhar il-17 ta' Awwissu, 2020.

**Proposta Belisha lights Triq Toni Bajada kantuniera ma' Triq Sant'Aristarku**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni ma TM għad trid issir.

**Parkeġġ skola Qawra – Ftehim bejn il-kunsill u d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni**.

Is-Sindku Alfred Grima nforma li kuncett ta' ftehim simili qiegħed jigi diskuss bejn id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u l-kunsill ta' M'Scala. Għalhekk, dwar dan hu tkellem mas-Sindku ta' M'Scala, is-Sur Mario Calleja, biex possibilment huma jgħaddu kopja ta' abbozz ta' ftehim lill-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar.

**Proposta ta' Kollaborazzjoni – Bognor Aquatic Club**

Il-Kunsill se jikteb lil Sports Malta

**<u>21.4 komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

**Rikjest għal arblu fiss Triq San Pawl**

Kumitat Zgħazagħ Gawhrin għamlu rikjesta ghal no-objection tal-Kunsill biex jitwaħħal arblu fiss tal-ħadid fi Triq San Pawl kantuniera ma Triq il-Paci. Il-Kunsill approva**.**

**Korrispondenza mingħand l-awdituri**

Bħala punt ta' informazzjoni, fil-31 ta' Awwissu,2020 il-Kunsill ircieva l-Financial Statement Report 2019 mingħand l-Awdituri.

**Premju Anzjanita Attiva 2020**

Tressqet proposta mingħand Kunsillier Mario Salerno biex il-Kunsillier Paul Bugeja jigi nominat għal anzjan attiv. Tressqet proposta mingħand il-Kunsilliera Graziella Galea sabiex is-Sur Mansueto Zerafa jiġi nominat għal dan il-premju. Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa min hu u x'jagħmel għal San Pawl il-Baħar.

Il-Kunsill approva. Rigward din inomina u nomini oħra, ġie miftiehem li dawn jitressqu b'email u jekk jinstab qbil unanimu bejn il-Kunsilliera jigu nominati ukoll.

**Ktieb Wizzu**

Wise Owl Publications infurmaw lill-Kunsill li ppubblikaw 2 settijiet ta' kotba ġodda ta' Rebby Vella:

Sett ta' 8 kotba ta' Wiżżu u Sett ta' 4 kotba dwar Forom, Numri, Kuluri u Opposti fejn kull ktieb jiswa €2.99.

Il-Kunsill approva ix-xiri ta' 5 settijiet minn kull ħarga.

**Stedina għal Parteċipazjoni fil-Programm Illum ma Steph**

Il-Kunsill irċieva Cirkolari 2020/094 AKL fejn saret stedina biex is-Sindku/rapprezentant tal-Kunsill jipparteċiepa fil-programm "*Illum ma Steph*" imtella fuq l-istazzjon Nazzjonali. Prezz €75 + VAT.

Il-Kunsill approva li jipparteciepa s-Sindku.

**Serq ta' għoda mil van tal-Kunsill**

Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-25 ta' Awwissu, 2020, s-Segretarju Ezekuttiv daħlet rapport (NPS 9/V/3744/2020) fl-għassa tal-Qawra dwar serq ta' għodda mill-vettura tal-Kunsill bir-reġistrazzjoni numru KBM 554 kif ukoll sar claim ma l-insurance. Kien hemm qbil li tiġi nstallata CCTV mal-latrina pubblika tax-Xemxija kif ukoll Alarm mal-vettura tal-kunsill jekk tinhass il-ħtiega.

**Direttiva 6/2020 Spejjez tat-Tribunali Lokali**

Inġibed l-attenzjoni tal-Kunsill id-Direttiva 06/2020 li nħarget relatata ma spejjeż tat-Tribunali Lokali.

**Proposta ta' xogħolijiet fuq Simenta u l-madwar**

Tresqet proposta għal titjieb taz-zona magħrufa bħala "s-Simenta", San Pawl il-Baħar fejn ġie nnutat li z-zona ilha snin tiddeterjora konsegwenza ta' nuqqas ta' manutenzjoni. Issemma l-fatt, li ma hemm xejn x'jifred bejn id-dagħjjes li jitrakkaw mal-moll u l-għawwiema li jkunu fis-swimming zone. Intqal li hemm ħtiega li l-Break Water jigi mtejjeb u li jsir pool għan nies bi bzonnijiet speċjali. Filwaqt li deher li l-Kunsilliera kollha kienu favur kull progress li jsir fil-lokalita, issemma l-fatt li proġett ta' dan il-kobor jeħtieg intervent dirett tal-Gvern Ċentrali. Għalhekk ġie rakomandat li din il-proposta tiġi diskussa fil-Bord ta' l-Infrastruttura.

**<u>21.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Mistoqsijiet mingħand Kunsilliera Graziella Galea lis-Segretarju Ezekuttiv

**Mistoqsija:** X'kien il-valur totali tal-vouchers li nħargu mill-Kunsill għal neutering tal-qtates?

**Tweġiba:** 10 persuni li rreġistraw mal-Kunsill inagħtaw 10 vouchers kull wieħed. Persuna minhom rritornathom**.**

**Mistoqsija:** X'kien il-valur totali tal-vouchers li nħargu mill-Kunsill għal ikel tal-qtates?

**Tweġiba:** Ma nxtara l-ebda ikel tal-qtates.

**Mistoqsija**: Sa issa kemm kien il-valur ta' ħlas li sar għas-servizz ta' neutering? Hemm kontijiet pendent ghal dan is-servizz?

**Tweġiba:** Il-valur ta' €238 li se jitħallsu sa din l-iskeda tal-pagamenti**.**

Mistoqsija oħra min Kunsilliera Graziella Galea ser tiġi mweġiba fil-laqgħa li jmiss

Mistoqsijiet mingħand Kunsillier Chris Vella Petroni lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv

**Mistoqsija:** Tistaw tikkonfermaw jekk fil-lokalita taghna il-kartun mill-hwienet ghadux jingabar mill-kuntrattur tal-kunsill?

**Tweġiba:**Infurmat, li l-kartun qiegħed jinġabar mill-ħwienet (ammonti zgħar) li qedin f'zoni residenzjali kull nhar ta' Tlieta u l-Ġimgha mill-kuntrattur ta' l-iskema**.**

**Mistoqsija:** Jekk il-ġbir għadu jsir għala hemm numru ta' ħwienet li mhux jinġabrilhom il-kartun?

Tweġiba: Il-ftehim bejn il-Kunsill u l-iskema huwa li jiġi provdut servizz domestiku, fejn kull negozjant licenzjat huwa obligat li jiddisponi mill-iskart tiegħu hu.

**21.6 Rapporti/ jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti –**

**20.6.1 Rapport ta'intervisti - Community Inclusive Employment Scheme**

Il-Kunsill ġie nfurmat, li dan ir-rapport inqabes bi zvista milli jittella quddiem il-Kunsill. Dan gara minħabba il-fatt li l-laqgħa numru 13 li fiha kien se jigi diskuss tħassret konsegwenza tal-pandemija Covid-19. Fid-dawl tal-ħrug tad-Direttiva 2/2020 l-istess item tneħħa mill-Agenda tal-laqgħa segwenti (14), fejn bi zvista baqa qatt ma gie diskuss mill-kunsill.

Rapport intervisti -

6 persuni kienu elegibbli biex jattendu għall-interviews, fejn 2 persuni minhom ma urewx interess.

Mill-4 persuni li kellhom jattendu għall-interview, persuna nfurmat li mhux se tattendi u oħra ma attendietx.

Persuna li attendit għall-interview esprimit li kellha difikulta biex tiġi mill-Gudja kuljum bil-karozza tal-linja.

Ir-rapport ġie approvat mill-Kunsill. Bil-kunsilliera fil-minoranza jressqu dikjarazzjoni li qeda tigi annessa mal-minuti.

**21.7 Item: Xogħolijiet taħt skema corporate social responsibility (CSR) - Bonnici Group**

Il-kumpanija Bonnici Group qablu, li jagħmlu xogħol volontarju ta' tizbieħ fit-Triq Burmarrad taħt lis-Skema Corporate Social Responsibility (CSR) tal-kumpanija. Dawn ix-xogholijiet jikkonsistu:

- Tneħħija tal-veġetazzjoni taħt is-siġar.

- Tneħħija ta 'materjal li ntrema llegalment.
- Tiddaħħal mill-ġdid ħamrija taħt is-siġar u jsir livellar taż-żona.
- Jigi nstallat poġġaman ġdid fit-tarf tal-kors tal-ilma. Jiġu nstallati bollards ġodda mat-tarf tat-triq f'żoni miftuħa biex tevita d-dħul mhux mixtieq minn vetturi f'żona tal-ħamrija.

L-inizjattiva ġiet approvata bil-kundizzjoni li jinġiebu l-permessi necessarji. Il-Kunsill irringrazzja lill-Bonnici Group għal din l-inizjattiva.

**21.8 Item: Estenzjoni ta' bankina - Perit Roberson**

Il- Perit Roberson bagħt rikjesta sabiex il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni biex titwessa l-bankina quddiem Jason's Bar li jinsab fil-kantuniera bejn Triq ix-Xitwa u Triq Gulju ċ-Ċenturjun.
Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bill kundizjoni biex ma jintilifx spazju ta' parkeġġ.

**21.9 Item: Ħrug ta' Tender dwal tal-Milied – Buġibba**

Il-Kunsill iddiskuta l-ħtiega li tinħareg mill-ġdid sejħa għall-offerti ta' tender dwar dwal tal-Milied f'Buġibba.
Ġie deċiz li ma dan it-tender jizdiedu triq il-Korp tal-Pijunieri u Triq il-Qalb ta' Gesu, fejn il-baġit globali għat-tizjien ta' toroq ma għandux jinqabez. Huwa esenzjali li MTA tiġi kkuntatjata biex tikkonferma li se tgħin bil-ħlas ta' €3,000 bħas-snin preċidenti.

**21.10 Item: Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi(Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mil-laqgħa ta' qabel)**

**21.10.1: Stima CMD**

Il-Kunsill approva ġbir addizzjonali ta' skart mic-CMD, area tal-boathouses ta' Ta' Fra Ben sa tax-Xtut. Massimu 4 darbiet fil-gimgħa, għall-perjodu bejn 6/09/2020 u 30/10/2020 għall-prezz ta' €81.40 għal kull jum.

**21.10.2: Xiri ta' Mobile għal uzu tal-Council**

Il-Kunsill approva xiri ta' mobile phone.

**21.10.3: Kwotazzjoni Risk Assesment Ġnien Bertu u Tumas**

Is-Sindku Alfred Grima fakkar li huwa obbligu tal-Kunsill li jizgura li kull sena jsiru assessment reports tal-playing fields. Għalhekk ġiet ipprezentata stima ta' €400 + VAT biex isir l-assessment ta' Ġnien Bertu u Tumas. Inġibdet l-attenzjoni li l-istess assessment huwa meħtieg għal playing field ta' Triq Parades. Il-Kunsill approva.

**21.10.4: Kwotazzjoni Tindif IT cabinet**

Il-Kunsill approva stiema ta' €373.64 + VAT għat-tindief meħtieg

**21.10.5: Skeda ta' Pagamenti**

**Skeda 8**

Pagament 657: Burmarrad Commercials għandu jizdied li dan huwa Cherry Picker inkluz bix-xufier.

Pagament 690a: Kuntrattur Soft Areas, pagament mizmum ħalli il-kuntrattur jagħti spjegazjoni ta' l-invoice ta' extra works

L-iskeda ġiet approvata b'eċċezzjoni għall-pagament 690a.

**Skeda 8a**

Pagament 743: Il-Kunsill qabel illi kuntrattur responsabli mill skart goff għandu jirrispetta l-appuntamenti mogħdija lilu mil Kunsill u il-kontijiet għandhom jindikaw dawk l-appuntamenti. Il-Kuntrattur kien avzatt f'Mejju 2020 sabiex ma jiġborx skart li mhuiex skont il-lista li ikun ingħata. Għalhekk il-pagament ta' Lulju ser jiġi mizmum. Il-Kunsill ser iħallas biss ta' dak l-iskart li huwa skont l-appuntament. Il-Kuntrattur ser jiġi nfurmat.

Pagamenti 740, 740a, 740b,740c Il-Kunsilliera Graziella Galea, Anthony Delia, Anthony Angelo Attard, Chris Vella Petroni u Antionette Bezzina jaqblu li kuntrattur għandu jitħallas sa somma ta' €5,000 incl VAT izda jastjenew dwar id-differnza ta' bejn il-€5000 incl VATu l-kumplament tal-kont.

L-iskeda ġiet approvata b'eċċezzjoni għall-pagament 743.

**21.11 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss 8th October 2020**

Il-Laqgħa spiċċat 8.30pm

| | |
|---|---|
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |